

Fil-qosor

ECHA-18-B-11-MT

X'għandek tkun taf dwar l-oġġetti trattati

Informazzjoni ewlenija għall-kumpaniji dwar oġġetti trattati fir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPR)

Meta taħlitiet, sustanzi jew oġġetti jiġu trattati bi prodotti bijoċidali, dawn jissejħu “oġġetti trattati”. Il-prodotti bijoċidali jipproteġu l-oġġetti minn organiżmi li jagħmlu l-ħsara bħal pesti, moffa u batterji. Dan *Fil-qosor* jaġħti introduzzjoni qasira għar-regoli u l-obbligi għall-industrija rigward l-oġġetti trattati.



L-oġġetti trattati huma koperti bir-regoli stabbiliti fil-BPR. Skont ir-regolament, il-bijoċidji jistgħu jitqiegħdu biss fis-suq (definit bħala l-ewwel tqegħid fis-suq) wara awtorizzazzjoni nazzjonali jew tal-UE u wara li tkun saret evalwazzjoni tar-riskji tagħhom. L-istess applika għas-sustanzi attivi, li wkoll iridu jiġu approvati qabel ma jkunu jistgħu jintużaw f'bijoċidu.

L-oġġetti li jkunu ġew trattati b'bijoċidu m'għandhomx bżonn awtorizzazzjoni, iżda ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq tal-UE meta s-sustanza attiva fil-bijoċidu tkun għiet approvata għall-użu speċifiku.

Eżempji ta' oġġetti trattati:

- żebgħa li fiha preservattiv (taħlita) fil-landa
- kalzetta li fiha l-fibra tal-fidda biex timpedixxi r-riħha (oġġett li jinkorpora bijoċidu)
- refrigératur li ġie trattat b'sustanzi li jipprevjenu l-moffa u r-riħha (oġġett).

L-obbligi fuq oġġetti trattati japplikaw ukoll għal importaturi ta' oġġetti, li hi bidla sinifikanti meta mqabbla ma' ligħejiet preċedenti tal-UE dwar il-bijoċidi.

OĠġETT MHUX TRATTAT

Oġġetti trattati li għandhom funzjoni bijoċidali primarja għandhom jiġu kkunsidrat bħala prodott bijoċidali. Pereżempju, wiper anti-batterika hi prodott bijoċidali - mhux oġġett trattat - minħabba li l-iskop ewljeni tagħha hu li tikkontrolla l-batterji.

L-oġġetti li huma trattati bil-gass bħala l-uniku trattament bijoċidali mhumiex meqjusin li huma oġġetti trattati jekk ma jkun mistenni l-ebda residwu tal-gass. L-istess applika għal binjet u għal kontejners għall-ħażin u għat-trasport li ġew dżinfettati u li fihom mhux mistenni li jkun hemm residwi.

Jekk m'intix żgur jekk il-prodott tiegħek huwiek oġġett trattat jew le, irrikorri għall-helpdesk nazzjonali tiegħek għal parir.



©iStock.com/extreme photographer



©iStock.com/lakov Filimonov

KARATTERISTIĊI BIJOĊIDALI

L-oġġetti trattati huma maqsumin fi tliet kategoriji skont ir-referenza tagħhom għas-sustanzi attivi u għall-karatteristiċi bijoċidali tagħhom:

- Oġġetti trattati mingħajr klejm jew referenza għal karatteristiċi bijoċidali, pereżempju żebgħa jew inka.
- Oġġetti trattati bi klejm li tirreferi għal karatteristiċi bijoċidali, pereżempju, tessuti trattati bil-fidda għal skopijiet antibatteriċi.
- Oġġetti trattati mingħajr referenza għal karatteristiċi bijoċidali iżda b'sustanzi attivi approvati u b'rekwiżiti ta' ttikkettar relatati.

F'kull wieħed minn dawn it-tliet każijiet, is-sustanza attiva trid tkun ġiet approvata jew trid tkun qed tiġi rieżaminata.

It-tikkettar hu dejjem meħtieġ meta oġġett jirreferi għal karatteristiċi bijoċidali kif spċifikati f'Artikolu 58 tal-BPR.

TIKKETTA TA' OGĞGETTI TRATTATI

Il-manifatturi u l-importaturi ta' oġġetti trattati jridu jkunu żguri li l-prodotti huma ttikkettati b'mod korrett. It-tikketta trid tkun faċli biex tingara, viżibbli u bil-lingwa nazzjonali tal-Istat Membru ta' introduzzjoni.

Meta oġġett trattat jitqiegħed fuq is-suq u jirreferi għall-karatteristiċi bijoċidali tas-sustanzi attivi fi ħdanu, it-tikketta trid tinkludi wkoll:

- dikjarazzjoni li l-oġġett trattat jinkorpora prodotti bijoċidali;
- il-karatteristika bijoċidali attribwita għall-oġġett trattat;
- l-ismijiet tas-sustanzi attivi;
- jekk ikun hemm, l-ismijiet ta' kull (nano-)sustanza bijoċidali segwita bil-kelma “nano” fil-qawsejn; u
- kull struzzjoni rilevanti għall-użu.

MIŻURI TRANŻIZZJONALI

Mill-1 ta' Marzu 2017, il-kumpaniji ma jistgħux iqiegħi aktar fis-suq tal-UE kwalunkwe oġġett trattat (jew li jinkorporaw b'mod intenzjonat) bi prodott bijoċidali b'sustanza attiva li ma ġietx approvata digħi, li qed tiġi riveduta jew li hija elenkata fl-Anness I tal-BPR.

Jekk oġġett trattat jistax jitqiegħed fis-suq jew le jiddependi fuq l-istatus tas-sustanza attiva. Hemm erba' sitwazzjonijiet possibbli:

1. Oġġett trattat jista' jitqiegħed fis-suq jekk is-sustanza attiva tkun ġiet evalwata u approvata għall-bijoċida użat biex jiġi trattat l-oġġett.
2. Oġġett trattat jista' jitqiegħed fis-suq jekk is-sustanza attiva tkun taħt evalwazzjoni fil-Programm ta' Reviżjoni, iżda d-deċiżjoni tkun għadha ma ġietx ippubblikata.
3. Jekk is-sustanza attiva mhijiex fil-Programm ta' Reviżjoni, oġġett trattat jista' jitqiegħed fis-suq sakemm applikazzjoni għal aprovazzjoni tas-sustanza attiva tkun ġiet sottomessa qabel l-1 ta' Settembru 2016. Jekk ma tkunx ġiet sottomessa applikazzjoni sa din id-data, l-oġġett trattat ma jistax jitqiegħed fis-suq wara l-1 ta' Marzu 2017.
4. Oġġett trattat jista' jitqiegħed fis-suq jekk is-sustanza attiva hi inkluża fl-Anness I tal-BPR - il-lista ta' sustanzi li ma jqanqlux tħassib.

Jekk sustanza attiva mhijiex approvata jew l-applikazzjoni ġiet rifutata (pereżempju, minħabba nuqqas li titħallas it-tariffa rilevanti), l-oġġetti trattati bi prodott mediciinali jew li jinkorporaw prodott bijoċidali ma' dik is-sustanza attiva m'għandhomx jitqiegħdu aktar fis-suq wara 180 ġurnata mid-deċiżjoni.

DRITT LI TISTAQS

Il-konsumaturi għandhom id-dritt li jitkolu għal informazzjoni dwar it-trattament bijoċidali ta' oġġett trattat. Jekk konsumatur jitlob din l-informazzjon, il-fornitur irid jipprovdha bla ħlas fi żmien 45 ġurnata.



©iStock.com/Michael Zhang

AQRA AKTAR:

Lista ta' sustanzi attivi approvati, u dawk li qed jiġu riveduti, hi disponibbli fuq is-sit web tal-ECHA. Inti tista' tikkonsulta din il-lista biex tidentifika sustanzi attivi għall-użu fi prodotti bijoċidali u f'oġġetti trattati.

- » Oġġetti trattati: <https://echa.europa.eu/mt/regulations/biocidal-products-regulation/treated-articles>
- » Lista ta' sustanzi attivi (approvati u dawk li qed jiġu rieżaminati): <https://echa.europa.eu/information-on-chemicals/biocidal-active-substances>
- » Id-dokument ta' Gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar oġġett trattat: <https://circabc.europa.eu/w/browse/d7363efd-d8fb-43e6-8036-5bcc5e87bf22>